**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 933/22GMG**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs.**

**Logsoft Limited**

Kawza Nru: 7

Illum 10 ta' Dicembru 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxiipprezentat quddiem din il-Qorti fit-12 t'Ottubru, 2022 bis-segwenti premessi u talba:

> Illi d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' talbiet relatati ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra hija implimentata u suggetta ghall-ligi ta' Malta permezz ta' l-Ordni tal-2012 dwar l-Assistenza Reciproka

ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Mizuri Ohra (Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012);

Illi bis-sahha ta' din l-Ordni u ta' din id-Direttiva, l-Kummissarju tat-Taxxi f'isem il-Ministeru tal-Finanzi, bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta (Dok. A), hu moghti l-poter sabiex meta jkun hemm talba valida minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea hu jkun jista' jinnotifika lid-destinatarju bid-dokumenti kollha, inklużi dawk ta' natura ġudizzjarja, li jkunu ġejjin mill-Istat Membru relatati ma taxxi u d-dazji kollha ta' kwalunkwe tip imposti minn jew f'isem Stat Membru jew is-sottodiviżjonijiet territorjali jew amministrattivi tiegħu jew ma' l-irkupru ta' l-istess.

Illi s-socjeta intimata giet indikata mill-awtorita' kompetenti Franciza membru ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tigi nnotifikata bid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. B;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba gew imharsa l-htigijiet kollha relevanti tad-Direttiva hawn fuq imsemmija;

Illi gie indikat illi s-socjeta intimata tinstab u ghandha indirizz f'Malta u ghalhekk ir-rikorrent ghandu l-obbligu li jinnotifika lis-socjeta konvenuta bid-dokumenti imsemmija f'isem l-awtorita kompetenti tal-pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea hawn fuq imsemmi;

Ghaldaqstant, l-esponent, skond il-poteri lilu moghtija ai termini tad-Direttiva hawn fuq imsemmija, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012, tordna n-notifika ta' dan ir-rikors u

tad-dokumenti annessi lis-socjeta intimata skond id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha tat-18 t'Ottubru, 2022 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2022 u ordnat n-notifika tar-Rikors lis-soċjetà' konvenuta b'ghoxrin (20) jum sabiex tressaq ir-risposta taghha;

Rat illi wara diversi tentattivi ghan-notifika, s-soċjetà intimata kienet finalment notifikata b'success permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni bl-ahhar avviz jidher f'ġurnal lokali bid-data tal-21 t'Awissu, 2024;

Semgħet lix-xhud tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat illi kwantu ghal-notifika tal-intimat, jirrizulta illi wara li kienu saru d-debiti tentattivi inkluz dik wara l-hinijiet legali skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li hekk awtorizzat minn din il-Qorti, thalliet kopja tar-rikors u tal-avviz ta' smiegh fl-indirizz tas-socjeta' intimata, fil-Kunsill Lokali tal-Pieta' u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Pieta' kif jirrizulta mill-fol. 26 *a tergo*, kif ukoll permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern datata 21 ta' Mejju, 2024 (fol 27 tal-atti processwali), fil-gurnal lokali bl-ilsien Ingliz The Malta Indipendent datat 20 t' Awissu, 2024 (fol 36) u gurnal lokali bl-ilsien In-Nazzjon datat 21 t'Awissu, 2024 (fol 37);

Rat illi minkejja d-debita notifika, s-socjeta' ntimata ma ressqet l-ebda risposta u lanqas ma deheret biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat illi l-provi juru li fit-termini tad-Direttiva indikata, l-awtorita' kompetenti tal-Istat Membru Franciz, ghamlet talba ghall-assistenza lir-rikorrenti f'isem il-Ministeru tal-Finanzi bhala l-Awtorita' kompetenti f'Malta, sabiex jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess applikant mis-socjeta' intimata;

Illi wara li ezaminat l-atti processwali kollha, l-Qorti hija sodisfatta li kienu segwiti r-rekwiziti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviz Legali 153 tal-2012 u ghalhekk it-talba hija gustifikata;

Ghalhekk tilqa' t-talba tar-Rikorrenti Kummissaru tat-Taxxi u tordna n-notifika tar-rikors u d-dokumenti annessi lis-socjeta' intimata skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imħallef

---

Nicole Cini

Deputat Reġistratur